MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1614/1998/1

**Charles Attard Bezzina**

**VS**

**Bianchi and Co., (1916) Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Premess illi l-attur kien jokkupa l-kariga ta’ Assistant Financial Controller mas-socjeta’ attrici.

Premess illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ elfejn u erba’ u disghin Lira Maltija u tmienja u sittin centezmi (Lm2094.68,0) liema somma tkopri 22 gurnata leave bi hlas, ziediet fil-paga in konnessjoni ma’ awment il-gholi tal-hajja, overtime u gimgha paga in konnessjoni mad-denunzja ta’ tmiem ta’ l-Impjieg mal-istess socjeta’ konvenuta.

Premess illi s-socjeta’ konvenuta interpellata ghall-hlas baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tikkundannaha biex thallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ elfejn u erba’ u disghin Lira Maltija u tmienja u sittin centezmi (Lm2,094..68,0) dovuta lill-attur ghar-ragunijiet premessi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Michael Bianchi** ghan-nom ta’ Bianchi & Co. (1916) Limited a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

**1.** Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ma hux il-leggittimu kontraditur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza.

**2.** Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta u ghalhekk estinta ai termini tal-artikolu 2148 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**3.** Illi l-azzjoni m’ghadhiex aktar proponibbli in vista ta’ ‘’res judicata’’, stante li l-mertu diga’ gie deciz minn Qorti ohra.

**4.** Illi l-attur ma fadallu xejn x’jiehu minghand is-socjeta’ konvenuta u dan kif di fatti hu stess accetta bil-miktub.

**5.** Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ebda ammont kif reklamat ma hu dovut stante li l-

prestazzjonijiet tal-attur kienu gew pprestati b'mod hazin u kontra kull arti u sengha u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet a fol 39 li bih giet nominata Dr. Audrey Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat l-inkartament prezentat mill-assistent gudizzjarju a fol 65;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota ta’ l-attur;

**Provi**

L-attur xehed li hu beda jahdem mal-konvenuti Bianchi & Co Ltd fis 6/11/1995. Fl- 14/11/1995 hu gie assenjat il-progett Terranet li kien joint venture, tal-kumpanija konvenuta ma’ ohrajn. Il-kumpanija Terranet giet iffurmata fil 21/11/1995. Xogholu kellu jkun ta’ Financialler Controller u Segretarju tal-kumpanija. F’April 1996 Ralph Bianchi kien tah ittra (Dok a fol 12 u qallu li jekk ma jkunx hemm xoghol f’Terranet kien jigi mkecci. F’Settembru 1996 gie deciz li Terranet kellha timpjegah bl-istess kundizzjonijiet li kien impjegat ma Bianchi Co. u dana mill- 1 ta’ Settembru 1996. Fi Frar 1997 Terranet keccewh izda ma tawhx dak kollu li kien dovut lilu. Ghalhekk mar ghand il-Labour Office u dawn ghamlu kawza kriminali kontra Bianchi & Co li pero’ intilfet fuq teknikalita’. Skond l-attur mill- P3 jirrizulta li r-relazzjoni tieghu kienet ma Bianchi Co. Dok a fol 116. Hu qed jitlob *cost of living allowance* Lm70; gimgha notice Lm195.30; 22 gurnata *leave* Lm895.32; *overtime* Lm970.06. L-attur isostni li d-data tat-terminazzjoni ta’ l-impieg tieghu mal-konvenut kienet 31/8/96 u mhux 30 ta’ April 1996 kif qed jippretendu l-konvenuti.

**Mario Caruana,** Principal fid-Dipartiment tax Xoghol, xehed li l-attur kien ghamel zewg *claims*, wahda kontra

Bianchi & Co u ohra kontra Terranet Ltd. Il-kaz kontra Terranet kienu waqqfuh mentri l-*claim* kontra Bianchi baqghet u kienet li l-attur kien impjegat mal-konvenuti mill 6/11/95 sal 31/8/96 u huma riedu jittrasferuh mat-Terranet Ltd. L-attur kien impjegat bhala Assistant Financial Controller. Dan talab ghal gimgha notice ghal meta gie trasferit ghal mas-socjeta' Terranet Ltd; cost of living increase li ma nghatax mill bidu tas-sena 2000; 133 siegha sahra li ma thallasx ghalihom u kien baqghalu 22 gurnata *vacation leave* pendenti. L-ammont totali tal-claim ta' l-attur kien ta' Lm2,094.68 konsistenti f'*notice* Lm195.30; cost of Living increase, Lm70; *overtime* Lm970.06; *vacation leave compensation* Lm859.32. It-transfer ta' l-attur ghal ma Terranet kien b'effett mill 31 ta' Awissu 1996. Hu kien kiteb lill Managing Director ta' Bianchi & Co, Ralph Bianchi (ara korrispondenza Dok MC1 sa MC 10 fol 107 et seq). Il-*claim* kontra Terranet ma kienitx tinkorpora ammonti mitluba minghand l-attur lis-socjeta' konvenuta.

**Keith Fearne,** CEO mat-Terranet, xehed li lejn l-ahhar tal-1995 l-attur kien beda jigi *on part time secondment* minghand Bianchi Group, imbaghad sussegwentement, beda jmur kuljum. Fl-1/9/96 hu gie impjegat direttament minn Terranet Ltd u l-impieg tieghu gie terminat fil- 5 ta' Frar 1997 kif jirrizulta mir-*records* tal-ETC. (Ara Dok a fol 55 u ittra ta' rizenja tas 6/2/97 Dok a fol 56). Fil 4/3/97 hu kien baghat ittra b'*cheque* ta' Lm433.66 lill attur ghas saldu ta' kull pretensjoni tieghu kontra Terranet u fil 25.3.97 l-attur kien irrisponda li qed jaccetta l-ammont *on account* u spjega li kien ghad jonqsu bilanc. (fol 61). Meta l-attur kien impjegat maghhom hu kien jithallas minghand Bianchi & Co.

**Ralph Bianchi** xehed li l-attur kien gie impjegat fis 6/11/1995 bhala Assistant Financial Controller ma Bianchi & Co. L-attur gie redundant u l-impieg tieghu gie terminat b'ittra datata 30/4/1996. Dok A a fol 11. Billi hu kien jaf li Terranet kienet qed tfittex accountant, l-attur xtaq li Bianchi & Co. izommuh fuq il-kotba taghhom u jissekondawh ma' Terranet ghal perjodu ta' prova. Terranet accettat li timpjegah u l-attur kien jaf li Bianchi &

Co setghu jitterminalu l-impieg meta jridu (ara ittra a fol 12). L-attur ma kienx ghadu impjegat ma' Bianchi imma sar arrangement biex ghal konvenjenza ta' l-attur is-salarju tieghu kien se jibqa' jithallas minn Bianchi u *recouped* minghand Terranet. Dan l-arrangament gie terminat fil-31 ta' Awissu 1996 meta Terranet impjegat lill attur direttament. Imbaghad l-attur irrezenja minn ma Terranet fil 5/2/1997 meta rceva somma flus a saldu. Din is-somma kienet tkopri l-perjodu tal-impieg tieghu u tas-*secondment*.

**Kontestazzjoni**

**Legittimu Kontradittur**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li huma m'humiex il-leggittimi kontradituri u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-attur qed jikkontendi li mit- 30 ta' April 1996 sal- 31 Awissu 1996 hu kien impjegat mas-socjeta konvenuta u kien jiehu istruzzjonijiet minghand Michael Bianchi. Terranent Ltd kienet socjeta' li l-konvenuti kellhom ishma fiha u hu kien gie mitlub jahdem f'dina l-kumpanija mis-socjeta' konvenuta.

Il-konvenuti ghamlu riferenza ghad-dokumenti a fol 11 u 12 u qed isostnu li l-impieg ta' l-attur minn maghhom gie terminat fit 30 ta' April 1996, izda "*on his own request and for his own convenience it was arranged that he should continue to be paid by us to end August 1996 during which period he was working for Terranet Ltd. Between May to end August 1996 Terranet Ltd covered Mr.Attard Bezzina's wage with us*". Skond l-ittra a fol 12 l-ideja kienet "*to keep you (l-attur) on our books on a temporary basis" u li "this arrangement can be terminated by us at will and must not be taken to signify that you are still in our employ even though for your convenience your wage will still be paid by this establishment and be recouped from Terranet Ltd*".

Illi mid-dokument ezibit mill-attur a fol 116 li hu l-*Emoluments and Tax Deduction Record for the year ending 31st December 1996* taht *PARTICULARS OF EMPLOYER* hemm BIANCHI & CO (1916) Ltd. waqt li *PARTICULARS OF EMPLOYEE* hemm BEZZINA ATTARD CHARLES. Imbaghad bhala date of termination of employment hemm 31/08/96.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghad-Dipartiment mid-dokumenti ufficjali l-*employers* kienu il-konvenuti u d-data ta' tmiem ta' l-impieg kienet 31 ta' Awissu 1996 u mhux kif qed jirritjenu l-konvenuti 30 ta' April 1996. L-attur gie attwalment imjegat ma' Terranet fl-1 ta' Settembru 1996.

**Preskrizzjoni.**

Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar a termini ta' l-artikolu 2148 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li hi dwar l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghal hlas tas-salarju taghhom.

L-impieg ta' l-attur mal konvenuti kien sal- 31 ta' Awissu 1996. Hu kien gie *seconded* mat-Terranet f'April 1996 u impjegat *full time* maghhom fl 1 ta' Settembru 1996 imbaghad l-impieg tieghu gie terminat mit-Terranet fil-5 ta' Frar 1997. Kienet saret korrispondenza bejn l-attur u d-Dipartiment tax-Xoghol u l-konvenuti u Terranet. Dawn kienu anke ghamlu pagament lill attur fl- 4 ta' Marzu 1997 ghal "*any direct or indirect money due to you by Terranet Ltd, in the form of salary, allowance, bonus, leave or any other form of compensation, this for the period of employment and secondment.*" Skond Ralph Bianchi (ara fol 47) "Terranet ghamlet hlas ghas saldu tal-kontijiet kollha dovuti lis-Sur Attard Bezzina inkluz dawk tal-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 1996 u l-31 ta' Awissu 1996". Ghalhekk il-pagment mibghtu kien kemm ghall perjodu meta kien impjegat ma Terranet kif ukoll meta kien on secondment mill-konvenuti. Ghalhekk dina l-ittra li tirrikonixxi li huma kellhom jaghtu lill attur, tinterrompi l-preskrizzjoni billi minn Marzu 1997 sal- 31 ta' Lulju 1998 meta giet prezentata l-kawza ma kienux ghaddew tmintax

il-xahar. Ghalhekk l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni ma tistax tigi milqugha.

**Res Judicata**

Fit-tielet eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-azzjoni mhiex aktar proponibbli in vista tar "res judicata" stante il-mertu gie deciz minn Qorti ohra. Il-konvenuti ma gabu ebda prova biex jissostanzjaw dina l-eccezzjoni jew dettalji dwar x'gie deciz minn Qorti ohra. Kwantu ghall kawza kriminali li saret riferenza ghaliha, l-azzjoni prezenti hija wahda indipendenti mill-kawza kriminali.

**Pagament ghas saldu**

Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li l-attur ma fadallu xejn x'jiehu minghand is-socjeta' konvenuta u dan kif hu stess accetta bil-miktub. Jigi rilevat pero li mill-korrispondenza ezibita u mill-azzjoni li ha l-attur u d-dipartiment tax-xoghol, jirrizulta l-kuntrarju (ara korrispondenza ezibita).

**Fil-Mertu**

***Leave***

Il-konvenuti qed jirritjenu li huma ma jaqblux mat-talbiet ta' l-attur ghax il-kumpanija m'ghandiex *leave records* ghas sena 1995/1996. Huma jsostnu li l-*leave* kien jittiehed fis-sena meta jkun dovut u kien jispetta lill attur li jiehdu. L-attur qed jitlob 22 gurnata *unpaid leave* ghal perjodu 6/11/95 sa 30/4/96 u dan f'inqas minn 6 xhur fl-impieg tieghu.

Jigi rilevat li l-fatt li l-konvenuti m'ghandhomx *leave record,* ma jfissirx li ghandu jbatih l-attur jew li fil-fatt ma sarx. Kwantu ghat tehid tal-leave, jirrizulta mid-dati relattivi li l-attur ma kellux il-possibilita' li jiehu l-*leave* akkumulat ghax ma kienx ghadu ghadda z-zmien. Inoltre kwantu ghal asserzjoni li ma kienux ghaddew sitt xhur, il-Qorti diga ddecidiet li t-terminazzjoni tal-impieg mill-konvenuti saret f'Awissu 1996 ghalhekk sitt xhur kienu ghaddew.

***Overtime***

Il-konvenuti ssottomettew li l-ebda kumpanija taghhom ma esegiet xi sahra minghand l-attur u ebda kumpanija taghhom ma ppartecipat f'fieri fil-perjodu imsemmi. Huma ma jistennewx minn *manager* li jippretendi sahra ghaliex jattendi *Board Meetings* meta kellu pakkett ta' salarju ferm generuz. Lanqas ma jiftakru li saru xi laqghat minn kumpanija li tifforma parti minn Bianchi Group kif qed jippretendi l-attur.

Il-Qorti taqbel li l-kariga li kellu l-attur (anke bhala segretarju tal-kumpanija ara fol 21) u bis-salarju li kien qed jircievi, l-attendenza tieghu ghal *Board Meetings* ma kelliex tigi konsidrata bhala sahra. Inoltre kwantu ghal attendenza ghal fieri li l-attur isemmi, l-Qorti tirrileva li l-attur ma gabx prova konkreta dwar l-attendenza tieghu ghalihom u zmien meta saru dawn l-attivitajiet. Ghalhekk l-ammont mitlub ghall dina l-partita mhux dovut.

***Notice Money***

Il-konvenuti jissottomettu li kien l-attur stess li talab ghal *secondment* ghalhekk ma setghax jitlob *notice* meta hu kien parti ghal ftehim, kemm tat-terminazzjoni minn ma' Bianchi u ma' l-impieg ma Terranet.

Illi l-attur qed jikkontesta dawn il-fatti cjoe li hu kien ghazel li jmur ma Terranet (ara xhieda tieghu a fol 22) kif ukoll li kien irrizenja minn ma' Terranent. Fl-ittra tieghu tal 25 ta' Marzu 1997 fl-ahhar paragrafu (ara fol 61) hu jikteb: "*I would also like to state that I did not resign on the 5$^{th}$ February 1997* ***but I was sacked and asked to leave the building there and then*****".** Illi ghalhekk l-attur hu dovut n-*notice* billi dana ma nghatalux skond il-Ligi. F'dawk ic-cirkostanzi lanqas ma kien mistenni li l-attur jaghti xi *notice* meta gie mkecci.

**Zieda fil-paga**

Dwar zieda fil-paga ghal gholi tal-hajja l-konvenuti ma kkontestawx li dana l-ammont huwa dovut.

**Xoghol Hazin**

Finalment il-konvenuti eccepew wkoll li l-prestazzjonijiet ta' l-attur saru b'mod hazin u mhux skond is-sengha, izda dwar dina l-allegazzjoni ma ngabet ebda prova, anzi Emmanuel Stephen Fenech, Financial Controller mal Bianchi Group xehed li l-attur kien jaghmel xogholu sew.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi
Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghas-somma ta' elf mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,124.62).

Spejjez kwantu ghal kwart ghall attur u tlett kwarti ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------